# BALLATA

Ta' Romeo L. Psayla *(Omero P. A. Sally)*

Kien iħobbha u kien ħalfilha:
"Int biss tiegħi, int tkun marti;
iżda minni u minnek egħżeż
għandi l-ġieh ta' ħelsien Arti.

"Jien żagħżugħ; u ż-żgħażagħ sħabi
hatru lili b'mexxej tagħhom...
Għadt 'il dari, 'il nieġi u 'l-bqija
biex immut u nirbaħ magħhom.

"Taqtax qalbek; ibqa' ttama
sa ma d-dawl tar-rebħa jleħħ:
f'jum il-fidwa t'Artna u niesha,
tmiem il-ħalfa tagħna jseħħ."

* * *

Kienu żgħażagħ fl-għadd ta' sninhom,
imma rġiel fil-moħħ u l-qalb,
ġolfijiet f'egħmejjel ħilithom
misjurin fil-ġabra u t-talb.

Kienu żgħażagħ ħbieb is-Sewwa,
ħbieb il-Ħaqq, ħbieb il-Ħelsien;
imma lkoll minn Dawn miftuma
kontra l-liġi ta' kull żmien.

Kienu żgħażagħ qliel fil-fehma,
qliel fir-rieda ta' l-azzar,
li jissieltu, imutu u jirbħu,
ma jibqgħux imjassra u żgħar.

* * *

Meta wasal ħin il-qilla,
ħin il-fidwa u radd il-ħaqq;
meta l-għelm tal-ġlied ingħata,
u t-tanbur mgħaġġel indaqq;

David ħebb għall-ġgant Golija :
ma beżgħux 'mil-lpup il-ħrief :
fuq il-Kotra għelbet il-Għaqda :
safa' l-Kbir maż-Żgħir tellief :

u l-maħkum ħákem 'il-ħâkem ;
u l-misħuq saħaq 'is-sid ;
ġie l-ħelsien u ntemm il-jasar ;
spiċċa d-deni u beda l-ġid.

* * *

Xbejba fqajra imma sabiħa,
ta' qalb kbira u moħħ miftuħ,
li żmien qabel kienet weghdet
imħabbitha lil żagħżugħ—

li ċaħadha biex jitqabad
f'ġieħ is-sewwa, il-ħaqq u l-ġid—
qiegħda tħewden... twerżaq... tgħajjat...
togħla u tagħti mal-ħadid

li jagħlaqha f'kamra waħedha,
bgħid minn niesha, f'qiegħ ta' sptar.
Xhieda mqita qarrqet biha...
Moħħha ntilef, spiċċa u miet.

* * *

F'jum il-għid tat-twelid fis-Saltna
ta' Gvern ġdid—"Il-Gvern Żagħżugħ"—
Gvern magħqud ta' ħaqq u sliema,
Gvern Feddej il-Moħħ u r-Ruħ ;

f'jum il-għid tar-rabta u l-għaqda
bejn il-Ħieles u l-Ħellies
t'Art Twelidu ma' Għarustu,
jum il-għors u l-ferħ tan-nies ;

qalb il-folol ta' ġol-Misraħ
jidwi leħen b'din l-aħbar :
"Il-Feddej t'Artna u Għarustu
mietu mgħannqa t-tnejn ġo sptar."

23-24 ta' Lulju, 1943.
Heliopolis, Eġittu.